MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 15/2014

**Angiolina Buttigieg**

**vs**

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appellanta Angiolina Buttigieg tat-3 ta’ Lulju 2014 sabiex issir referenza kostituzzjonali fil-mori ta’ dan l-appell wara decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta’ Marzu 2014;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li opponiet ghal tali referenza;

Rat l-atti.

**Ikunsidrat**

L-iter ta' din it-talba hu s-segwenti. Fis-6 ta' Dicembru 2010 ir-rikorrenti ghamlet talba lil Awtorita tal-Ippjanar sabiex 'to sanction the construction of concrete platform, to sanction change of use of land for outside tables and to sanction canopy in front of existing bar' (PA 6541/00). Din it-talba giet rifjutata mill-Awtorita fil-21 ta' April 2010. Ir-rikorrenti appella mid-decizjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li kkonferma r-rifjut tal-Awtorita b'decizjoni tat-13 ta' Marzu 2014 fejn it-Tribunal laqa' eccezzjoni preliminari tal-Awtorita li saret fil-mori tal-appell. Din l-eccezzjoni kienet fis-sens li l-proposta ta' sanzjonar ta' zvilupp f'area skedata hi in kontravenzjoni tal-artikolu 70 u Sitt Skeda mill-Att X tal-2010 cioe Kap. 504. Dan l-artikolu dahal fis-sehh fil-mori tal-appell quddiem it-Tribunal.

Ir-referenza kostituzzjonali qed tigi mitluba ghas-segwenti ragunijiet u a bazi tas-segwenti artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja. Ir-rikorrenti issostni illi d-decizjoni appellata li nghatat b'applikazzjoni tal-artikolu 70 u Sitt Skeda tal-Att X tal-2010 Kap. 504 illediet id-dritt fundamentali taghha ta' tgawdija tal-possedimenti meta hemm dritt kwezit jew aspetttiva legittima bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem Kap. 319 u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qed jigi argumentat ukoll illi t-tul li hadet l-applikazzjoni biex tigi deciza u l-konsegwenza tal-introduzzjoni tal-imsemmi artikolu 70 u Sitt Skeda saret lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap. 319.

**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Hi l-fehma tal-Qorti li dan l-artikolu mhux applikabbli ghal din il-vertenza peress illi dan l-artikolu japplika meta jkun hemm tehid furzat ta' proprjeta li hu evidenti li mhux il-kaz prezenti fejn il-kwistjoni hi dwar sanzjonar ta' bini.

**Artikolu 1 ta' Protokoll 1 tal-Kap. 319**

L-allegazzjoni tar-rikorrenti hi illi l-applikazzjoni tal-artikolu 70 u Sitt Skeda mit-Tribunal bhala l-bazi tar-rifjut tal-appell u kwindi l-applikazzjoni ta' sanar illeda d-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti.

Ir-rikorrent mhux qed jattakka l-ligi per se issa l-applikabilita tal-artikolu in kwistjoni fic-cirkostanzi tal-kaz peress illi dahal fis-sehh meta l-kwistjoni kienet gia deciza mill-Awtorita u l-kwistjoni tal-artikolu 70 u Sitt Skeda tqajmet fi stadju ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni. Ir-rikorrent issostni fil-fatt diversi argumenti kontra l-applikazzjoni tal-artikolu fosthom in-nuqqas ta' retroattivita tal-artikolu in kwistjoni, u il-kwistjonijiet konnessi ta' dritt kwezit u aspettativa legittima.

Din il-Qorti tqis li t-talba kif maghmula hi intempestiva u prematura, peress illi l-appellant ghad ghandu rimedju ordinarju quddiem din il-Qorti stess kif preseduta, precizament bl-appell interpost mid-decizjoni tat-Tribunal. Harsa lejn l-aggravji fl-appell wiehed isib l-istess ilmenti u aggravji ghaliex id-decizjoni tat-Tribunal ghandha tigi mhassra. Ir-rimedju ordinarju mitlub permezz tal-appell quddiem din il-Qorti hu wiehed effettiv u konkret u ghalhekk ma hemmx lok ghal ebda referenza kostituzzjonali meta persuna ghandha rimedju disponibbli u qed jigi uzat fil-proceduri ordinarji ta' appell li jekk ikollhom ezitu posittiv ikollhom effett shih fil-konfront tar-rikorrent appellanti.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi t-talba kif maghmula f'dan l-istadju hi wahda frivola u vessatorja.

**Artikolu 6 tal-Kap. 319 u artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni**

Dan l-ilment ukoll hu wiehed prematur. L-argument principali tar-rikorrenti hu illi kieku l-Awtorita u t-Tribunal ma damux daqshekk zmien biex tigi deciza l-applikazzjoni, allura ma kienx jilhaq jidhol fis-sehh l-artikolu 70 u Sitt Skeda u l-propjeta tar-rikorrenti ma keinx ikollha divjet ta' zvilupp. Hu rilevanti pero illi fit-talba ghar-referenza saret biss menzjoni tal-artikolu 6 tal-Kap. 319 u ebda talba ma saret dwar artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser tikkunsidra din it-talba mill-ottika tal-Kap. 319 biss. Hawn ukoll il-Qorti tqis li t-talba kif maghmula hi intempestiva ghal ahhar. Fl-ewwel lok ghad irid jigi determinat jekk l-artikolu 70 u Sitt Skeda kienux applikabbli ghal kaz u dan b'effett tal-istess appell quddiem din il-Qorti. La darba dan ghadu mhux determinat, ir-rikorrent ma jistax jilmenta fuq dewmien li l-konsegwenza tieghu kien id-dhul fis-sehh tal-imsemmi artikolu u l-applikabilita tieghu ghal kaz meta fl-istess nifs qed jappella precizament fuq l-inapplikabilita tieghu. Lanqas jista' jargumenta l-appellant illi l-istess artikolu biddel stat ta' fatt gia ezistenti. L-Awtorita irrifjutat il-hrug tal-premess mitlub qabel gie promulgat l-istess artikolu 70 u ibbazzat ir-rifjut taghha fuq il-ligijiiet u policies vigenti fil-mument tar-rifjut. Dan mhux jinghad ghax din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni mehuda mill-Awtorita. Dan hu wkoll parti mill-proceduri sub iudice li l-Qorti mhix ser tikkumenta dwarhom. Dak li qed issostni l-Qorti b'din il-konsiderazzjoni hi illi l-argument tar-rikorrent hu fallaci ghall-iskop ta' din ir-referenza ghax id-dewmien mhux qed jigi allacjat ma' bdil minn decizjoni ta' hrug ta' permess ghal wiehed ta' rifjut minhabba l-promulgazzjoni tal-artikolu 70 u Sitt Skeda izda biss minhabba li fil-frattemp dahal fis-sehh dan l-artikolu fil-mori tal-appell quddiem it-Tribunal. Peress illi dan l-appell ghadu mhux deciz u jitratta principalment l-applikabilita tieghu ghall-kaz, il-kwistjoni tad-dewmien ma jista jkollu ebda mertu f'dan l-istadju.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi tali talba hi wkoll frivola u vessatorja f'dan l-istadju.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi t-talba ghal referenza Kostituzzjonali f'dawn ic-cirkostanzi hi frivola u vessatorja u qed tichadha, bl-ispejjez kontra l-appellant.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------